MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH S. REFALO

Seduta ta' l-4 ta' April, 2005

Talba Numru. 42/2002/1

**Ganpet Limited**

**vs**

**Saviour sive Sammy Spiteri**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' April, 2002 fejn il-konvenut intalab ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf erba' mija tmienja u sebghin lira maltija u seba' centezmi (Lm1,478.07) prezz ta' konkos 'ready mix' mibjugh u supplit lill-konvenut mis-socjeta' attrici, u jigi kkundannat ihallas dan l-istess ammont bl-interessi mid-data tan-notifika tal-protest prezentat f'Novembru, 2001 sad-data tal-pagament.
Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-protest ta' Novembru, kontra l-konvenut.

Ra r-risposta pprezentata mill-konvenut Saviour sive Sammy Spiteri fit-23 ta' April, 2002 fejn intqal:

1. Illi l-konkos supplit mis-socjeta' attrici oltre li ma kienx tal-kwalita' pattwita, rrizulta li kien ta' kwalita' nferjuri minn dak ordnat kif ser jigi ppruvat dettaljatament fil-kors tal-kawza;
2. Illi konsegwenza ta' dan l-eccipjenti kien kostrett li jissospendi l-pagamenti minhabba difetti li dehru fis-soqfa tal-korp ta' bini fejn gie wzat il-konkos supplit mis-socjeta' attrici;
3. Illi minhabba l-kwalita' nferjuri tal-konkos li gie supplit mis-socjeta' attrici l-eccipjenti ghadu jbati l-konsegwenzi sal-lum;
4. Illi t-talba attrici ghall-hlas m'hijiex gustifikata u ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta';
5. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez inkluzi tal-protest gudizzjarju ta' Ottubru, 2001.

Sema' x-xhieda ta' Peter Paul Sciberras, Saviour Spiteri, Saviour Bonello, Angelo Grech, Paul Sultana. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, inkluz il-verbal tat-3 ta' Frar, 2003 u n-noti ta' osservazzjonijietipprezentati mill-partijiet. Sema' lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta' attrici qed titlob il-hlas ta' bilanc ta' konsenja ta' ready mix concrete.
2. Il-konvenut qed jghid illi l-konkos konsenjat ma kienx tal-kwalita' pattwita, cioe' kien ta' kwalita' nferjuri.
3. Jirrizulta illi l-kontestazzjoni principali kienet tirrigwarda l-fatt li l-konvenut ighid li ried tahlita ta' konkos tat-tip C 30, filwaqt li t-tahlita li nghatatlu kienet ta' kwalita' ferm inferjuri.
4. Jirruzulta li skond l-istatement Dok G 1 kien hemm bilanc ta' elf hames mija u dsatax-il lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm1549.47) dovuti, u peress li wiehed u erbghin lira u erbghin centezmu (Lm41.40) rrizultaw illi kienu gia mhallsin, skond ma jirrizulta mid-Dok G 2, jigi li

baqa' bilanc ta' elf erba' mija u tmienja u sebghin lira u seba' centezmi (Lm1478.07) li hi t-talba odjerna.

5. Peter Paul Sciberras ghas-socjeta' attrici ghamel referenza ghall-invoices Dok G 3 sa G 8 u delivery notes Dok G 9 sa G 39. Skond l-attur il-ftehim kien li l-grading tal-konkos ikun "1-2-4", u kemm-il darba riedu ta' kwalita' superjuri jew inferjuri l-konvenut kellu jinfurmah.

6. L-attur jaqbel illi x-xoghol gie supplit principalment fil-fond ix-Xlendi. Il-konvenut fir-rigward spjega li hemm kien qed jahdem ghal certu Joe Cini, filwaqt li Raymond Buttigieg kien il-bennej. Skond il-konvenut, kien Cini li ried li l-materjal jigi minghand is-socjeta' attrici.

7. Il-konvenut ilu f'dan ix-xoghol, u skond ma jghid, is-socjeta' attrici kienet qed izzomm bi tlettax-il lira kull jarda minflok Lm12.25 kull jarda. F'dan il-kuntest it-Tribunal jinnota illi l-ghazla kienet ta' Cini, u ma hemm ebda prova konkreta dwar li l-prezz mizmum mhux gust.

8. Jirrizulta li l-konvenut ghamel skond ma ordnalu l-Perit Martin Farrugia li kien inkarigat mill-bini ta' Cini fix-Xlendi. Jirrizulta bic-car mid-Dok SS 2 datat 30 ta' Lulju, 2001, li Cini originarjament ried li l-konkos ghal certu partijiet ikun ta' grad superjuri, cioe' C30, filwaqt li ghal xoghol iehor kellu jkun ta' C 25. Fl-istess ittra Dok, SS 12 jinghad hekk "as you are aware I specified C 30 N/MM$^2$ concrete for column basis, columns, garage beams, and C 25 N/MM$^2$ for suspended re-enforced concrete slabs and stairs. This was also indicated on the structural drawings issued …….. Given the severe failure rate of the garage beams, ground, first and second floor suspended re-inforced concrete slabs I have no option but to recommend that the structural elements are either demolished and rebuilt …….. or re-enforecd ……..".

9. Jirrizulta li saru testijiet fuq il-konkos li tpogga fis-sit ta' Cini, u dana qabel ma l-Perit baghat l-ittra datata 3 ta' Lulju, 2001. Dana jirrizulta mid-Dok SS 11 datat 30 ta' Mejju 2001. It-testijeit saru minn Harrison & Company. Fil-fatt jirrizulta illi l-konkos kien ta' kwalita' nferjuri ghal dak mitlub.

10. It-Tribunal iqis rilevanti l-fatt li l-attur qatt ma halla lill-konvenut jiehu samples tal-konkos, waqt li l-

konkos qed jitpogga biex jittestjah. Dana johloq dubbju u jista jaghti x'jifhem illi l-attur kellu x'jahbi u ma kienx qed jaderixxi ma' dak illi kien mitlub.

11. Il-konvenut jallega li 56 jarda konkos, Dok G 6, ma kinux gew suppliti fil-fond tax-Xlendi kif qed jallega l-attur. Fir-rigward it-Tribunal jinnota li ma hemmx delivery note, filwaqt li fil-kumplament tal-konsenji dejjem saret delivery note li kienet tigi ffirmata mill-konvenut stess jew mill-haddiema tieghu, Carmelo Vella jew Paul Sultana. Il-fatt li ma hemmx din id-delivery note huwa fih innifsu prova li din il-konsenja ma saritx, aktar u aktar tenut kont tal-fatt li anke ghal konsenja zghira ferm kienet dejjem tinhareg delivery note. Jigi rilevat illi din il-konsenja wehedha ggib l-ammont ta' seba' mija u tmienja u ghoxrin lira (Lm728) li ghalhekk ghandu jitnaqqas mill-ammont allegatament dovut.

12. Inoltre hemm delivery note ohra Dok G35, li ggib in-numru 000366 fl-ammont ta' sebgha u disghin lira (Lm97). It-Tribunal fir-rigward jinnota li din fil-fatt ma gietx iffirmata mill-konvenut jew impjegati tieghu u ghalhekk lanqas din ma hi dovuta.

13. Inoltre kien hemm konsenja Dok G3 skond id-dokument 5 ta' Mejju, 2000 fejn il-konsenja kellha tigi ndikata bhala wahda ta' sitt jardi u mhux ta' disa' jardi. Din id-differenza ta' tlett jardi tammonta ghal disgha u tletin lira (Lm39) li ghalhekk ukoll ghandhom jitnaqqu mill-ammont dovut.

14. Tenut kont ta' dak kollu li ntqal jirrizulta illi l-ammonti ta' seba' mija tmienja u ghoxrin lira (Lm728), sebgha u disghin lira (Lm97) u disgha u tletin lira (Lm39) li jgibu total ta' tminn mija erbgha u sittin lira (Lm864) ghandhom jitnaqqsu mill-ammont allegatament dovut. Jibqa' ghalhekk bilanc ta' sitt mija u erbatax-il lira u seba centezmi (Lm614.07) liema bilanc ghadu dovut lis-socjeta' attrici.

15. Pero' anke fir-rigward ta' dan l-ammont ghandu jigi kunsidrat il-fatt li mhux il-materjal kollu supplit kien skond kif miftiehem, ghalkemm kien hemm ukoll parti minnu li fil-fatt ma kellux ikun ta' kwalita' superjuri. It-Tribunal fir-rigward, arbitrio boni viri qed jiffissa l-ammont dovut limitatament fis-somma ta' erba' mitt lira Maltija.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' erba' mitt lira (Lm400.00) u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' erba' mitt lira (Lm400.00) bl-imghaxijiet dekorribbli mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Fic-cirkostanzi pero' l-ispejjez ghandhom jigu sofferti unikament mis-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------